**Parlament Ewropew**
2019-2024

*Dokument ta' sessjoni*

**A9-0322/2023**

30.10.2023

# RAPPORT

dwar ir-rwol tal-politika tal-iżvilupp tal-UE fit-trasformazzjoni tal-industriji estrattivi għall-iżvilupp sostenibbli fil-pajjiżi li qed jiżviluppaw (2023/2031(INI))

Kumitat għall-Iżvilupp

Rapporteur:Barry Andrews

PR_INI

# WERREJ

**Paġna**


MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW ...............................3

NOTA SPJEGATTIVA ....................................................................................................18

OPINJONI TAL-KUMITAT GĦALL-KUMMERĊ INTERNAZZJONALI ..........................19

INFORMAZZJONI DWAR L-ADOZZJONI FIL-KUMITAT RESPONSABBL .................25

VOTAZZJONI FINALI B'SEJĦA TAL-ISMIJIET FIL-KUMITAT RESPONSABBLI .......26

## MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW

**dwar ir-rwol tal-politika tal-iżvilupp tal-UE fit-trasformazzjoni tal-industriji estrattivi għall-iżvilupp sostenibbli fil-pajjiżi li qed jiżviluppaw**
**(2023/2031(INI))**

*Il-Parlament Ewropew,*

– wara li kkunsidra l-Artikolu 208(1) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE), li jistipula li "L-objettiv prinċipali tal-politika ta' koperazzjoni għall-iżvilupp tal-Unjoni għandu jkun it-tnaqqis u, eventwalment, il-qerda tal-faqar. L-Unjoni għandha tieħu inkunsiderazzjoni l-objettivi ta' koperazzjoni għall-iżvilupp fl-implimentazzjoni tal-politika li x'aktarx tolqot lill-pajjiżi li qed jiżviluppaw'',

– wara li kkunsidra l-Artikoli 3 u 21 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea (TUE),

– wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tan-NU bit-titolu "Transforming our world: the 2030 Agenda for Sustainable Development" (Nittrasformaw id-dinja tagħna: l-Aġenda tal-2030 għall-Iżvilupp Sostenibbli), adottata fis-Summit tan-NU dwar l-Iżvilupp Sostenibbli fi New York fil-25 ta' Settembru 2015 u s-17-il Għan ta' Żvilupp Sostenibbli (SDGs) inklużi fiha,

– wara li kkunsidra l-Ftehim adottat fil-21 Konferenza tal-Partijiet għall-Konvenzjoni Qafas tan-NU dwar it-Tibdil fil-Klima (UNFCCC) – COP21 f'Pariġi fit-12 ta' Diċembru 2015 (il-Ftehim ta' Pariġi ),

– wara li kkunsidra d-Dikjarazzjoni dwar id-Drittijiet tal-Popli Indiġeni tan-NU, adottata mill-Assemblea Ġenerali tan-NU fit-13 ta' Settembru 2007,

– wara li kkunsidra l-Prinċipji Gwida tan-NU dwar in-Negozju u d-Drittijiet tal-Bniedem,

– wara li kkunsidra l-Għaxar Prinċipji tal-Patt Globali tan-Nazzjonijiet Uniti,

– wara li kkunsidra l-Konvenzjoni tal-Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol (ILO) Nru. 169 dwar il-Popli Indiġeni u Tribali,

– wara li kkunsidra t-tmien Konvenzjonijiet fundamentali tal-ILO, kif definiti fid-Dikjarazzjoni tal-ILO dwar il-Prinċipji u d-Drittijiet Fundamentali fuq ix-Xogħol,

– wara li kkunsidra l-Konvenzjoni ta' Minamata dwar il-Merkurju,

– wara li kkunsidra l-Konvenzjoni dwar id-Diversità Bijoloġika, b'mod partikolari d-Deċiżjoni COP VIII/28 – Linji gwida volontarji dwar l-inklużjoni tal-kwistjonijiet relatati mal-bijodiversità fil-valutazzjoni tal-impatt,

– wara li kkunsidra l-Linji Gwida għall-Valutazzjoni taċ-Ċiklu tal-Ħajja Soċjali tal-Prodotti tal-Programm tan-Nazzjonijiet Uniti għall-Ambjent (UNEP),

– wara li kkunsidra l-eliġibbiltà tal-Bank Ewropew tal-Investiment (BEI), l-attivitajiet

esklużi u l-lista tas-setturi esklużi,

– wara li kkunsidra d-dikjarazzjoni konġunta mill-Kunsill u r-rappreżentanti tal-gvernijiet tal-Istati Membri mlaqqgħin fil-Kunsill, il-Parlament Ewropew u l-Kummissjoni tat-30 ta' Ġunju 2017 dwar il-Kunsens Ewropew Ġdid għall-Iżvilupp – "Id-dinja tagħna, id-dinjità tagħna, il-futur tagħna"[1],

– wara li kkunsidra r-Regolament (UE) 2021/947[2] tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Ġunju 2021 li jistabbilixxi l-Istrument ta' Viċinat, ta' Kooperazzjoni għall-Iżvilupp u ta' Kooperazzjoni Internazzjonali – Ewropa Globali, li jemenda u li jħassar id-Deċiżjoni Nru 466/2014/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u jħassar ir-Regolament (UE) 2017/1601 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u r-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 480/2009,

– wara li kkunsidra l-komunikazzjoni konġunta tal-Kummissjoni u tar-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà tal-1 ta' Diċembru 2021 bit-titolu "Il-Portal Globali" (JOIN(2021)0030),

– wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-11 ta' Diċembru 2019 bit-titolu "Il-Patt Ekoloġiku Ewropew" (COM(2019)0640),

– wara li kkunsidra l-proposta tas-16 ta' Marzu 2023 għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi qafas għall-iżgurar ta' provvista sigura u sostenibbli ta' materja prima kritika u li jemenda r-Regolamenti (UE) 168/2013, (UE) 2018/858, 2018/1724 u (UE) 2019/1020 (COM(2023)0160) (l-Att dwar il-Materja Prima Kritika),

– wara li kkunsidra l-Ftehim ta' Sħubija l-ġdid bejn l-Unjoni Ewropea u l-membri tal-Organizzazzjoni tal-Istati Afrikani, tal-Karibew u tal-Paċifiku (OSAKP) (wara l-Ftehim ta' Cotonou),

– wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tas-26 ta' Frar 2014 dwar il-promozzjoni tal-iżvilupp permezz ta' prattiki ta' negozju responsabbli, inkluż ir-rwol tal-industriji estrattivi fil-pajjiżi li qed jiżviluppaw[3],

– wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-14 ta' Marzu 2023 dwar il-Koerenza tal-Politiki għall-Iżvilupp[4] (PCD),

– wara li kkunsidra l-Artikolu 54 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

– wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat għall-Kummerċ Internazzjonali,

– wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Iżvilupp (A9-0322/2023),

A. billi l-industriji estrattivi jistgħu jiġu definiti bħala li jinkludu attivitajiet differenti mill-estrazzjoni ta' materja prima (fjuwils fossili, minerali u aggregati), l-ipproċessar

[1] ĠU C 210, 30.6.2017, p. 1.
[2] ĠU L 209, 14.6.2021, p. 1.
[3] ĠU C 285, 29.8.2017, p. 87.
[4] Testi adottati, P9_TA(2023)0071.

taghhom u l-konverżjoni taghhom fi prodotti u servizzi ghall-użu mill-konsumaturi, skont in-Nazzjonijiet Uniti[5];

B. billi l-operazzjonijiet tal-estrazzjoni minerarja fuq skala kbira (LSM) u tal-estrazzjoni artiġjanali u fuq skala żgħira (ASM) kienu tradizzjonalment jeżistu flimkien, it-tip ta' impjieg u l-valur lokali pprovdut kien ivarja b'mod sinifikanti, peress li l-ASM fil-biċċa l-kbira topera bi gradi għoljin ta' informalità, intensità tax-xogħol u illegalità, standards okkupazzjonali ħżiena tas-saħħa, tas-sikurezza u tal-ambjent, u livelli relattivament baxxi ta' investiment kapitali, mekkanizzazzjoni u rkupru ta' minerali, filwaqt li tipprovdi impjiegi u introjtu għal ħaddiema mingħajr sengħa ħafna drabi f'żoni remoti u rurali, filwaqt li l-impjiegi tal-LSM normalment hija mekkanizzata ħafna u regolata b'mod formali, u tikkontribwixxi għall-ekonomija nazzjonali, iżda bi ftit impatt pożittiv fuq il-komunitajiet lokali; billi skont l-UNEP, il-proġett tal-estrazzjoni artiġjanali u fuq skala żgħira f'żoni protetti u f'ekosistemi kritiċi (ASM-PACE) jistma li l-ASM tipproduċi madwar 10 % tad-deheb tad-dinja, bejn 15 % u 20 % tad-djamanti tagħha, bejn 20 % u 25 % tal-landa u t-tantalu tagħha u 80 % tal-ħaġar prezzjuż ikkulurit[6]; billi l-ASM spiss tinvolvi lin-nisa, u b'hekk iżżid il-vulnerabbiltà tagħhom, minħabba n-nuqqas ta' aċċess għal, l-użu ta' u l-kontroll fuq art li hija għonja fir-riżorsi u riżorsi produttivi u finanzi oħra;

C. billi r-riżorsi minerali mhux rinnovabbli għandhom rwol dominanti f'81 pajjiż li kollettivament jirrappreżentaw kwart tal-PDG dinji, nofs il-popolazzjoni tad-dinja u kważi 70 % ta' dawk li jgħixu f'faqar estrem, skont il-Bank Dinji[7];

D. billi l-estrazzjoni u l-ipproċessar tar-riżorsi naturali jammontaw għal madwar nofs l-emissjonijiet totali ta' gassijiet serra (GHG) u aktar minn 90 % tal-impatti globali fuq il-bijodiversità u l-istress idriku[8];

E. billi d-deċiżjoni dwar jekk ir-riżorsi naturali humiex sfruttati, liema riżorsi huma involuti u kif dan isir taqa' taħt is-sovranità ta' kull pajjiż;

F. billi l-industriji estrattivi għandu jkollhom rwol kruċjali fl-iżvilupp ta' ħafna pajjiżi li qed jiżviluppaw li huma għonja fir-riżorsi, billi jipprovdu dħul pubbliku mill-estrazzjoni minerarja u operazzjonijiet relatati mal-estrazzjoni minerarja (minn konċessjonijiet, taxxi u nfiq dirett u indirett fil-pajjiż ta' operazzjoni), opportunitajiet ta' impjieg u ta' infrastruttura, li għandhom il-potenzjal li jnaqqsu l-faqar u jappoġġjaw it-tkabbir ekonomiku u l-iżvilupp soċjali fil-livell nazzjonali u lokali, jekk ikunu preżenti ċerti fatturi;

G. billi l-industriji estrattivi jista' jkollhom ukoll impatti soċjali, ekonomiċi, ambjentali u istituzzjonali negattivi severi fil-livell lokali, nazzjonali, reġjonali u globali, billi jikkontribwixxu għall-ksur tad-drittijiet tal-bniedem u tax-xogħol, il-vjolenza abbażi tal-

[5] NU, "Transforming Extractive Industries for Sustainable Development" (Nittrasformaw l-Industriji Estrattivi għall-Iżvilupp Sostenibbli), Mejju 2021, p. 3.
[6] UNEP, "Mineral Resource Governance in the 21st Century. Gearing Extractive Industries Towards Sustainable Development" (Il-Governanza tar-Riżorsi Minerali fis-Seklu 21. Ingranaġġ tal-Industriji Estrattivi Lejn Żvilupp Sostenibbli), Mejju 2021, p. 81.
[7] Il-Bank Dinji, "The Growing Role of Minerals and Metals for a Low Carbon Future" (Ir-Rwol Dejjem Jikber tal-Minerali u l-Metalli għal Futur b'Emissjonijiet Baxxi tal-Karbonju), Ġunju 2017, p. 26.
[8] Panel Internazzjonali dwar ir-Riżorsi, "Global Resources Outlook" (Prospetti Globali dwar ir-Riżorsi), 2019.

ġeneru, ix-xogħol furzat, it-tħaddim tat-tfal, l-ispostament furzat, il-faqar, it-tniġġis, il-kompetizzjoni fl-użu tal-ilma, it-telfien tal-bijodiversità, id-deforestazzjoni, il-qerda ta' siti kulturali u spiritwali, il-fastidju tad-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem u tal-ambjent, it-tfixkil tan-nisġa soċjali, il-korruzzjoni, il-volatilità fil-prezzijiet tal-komoditajiet, il-flussi finanzjarji illeċiti, il-frodi u l-evażjoni tat-taxxa, u l-kunflitti armati, kif ukoll joħolqu ħafna sfidi minħabba n-natura "enklava" tal-industrija estrattiva, bi ftit rabtiet mal-ekonomija lokali; billi l-industriji estrattivi spiss jaffettwaw id-drittijiet tal-komunitajiet indiġeni, u l-istudji tal-impatt ambjentali u soċjali jista' jkollhom rwol kruċjali biex jipproteġu dawn id-drittijiet;

H. billi l-aktar teknoloġiji ġodda u adattati kif ukoll id-diġitalizzazzjoni jistgħu jillimitaw ferm– min-natura tagħhom – l-impatti invażivi tal-industriji estrattivi;

I. billi skont l-Aġenzija Internazzjonali tal-Enerġija (AIE)[9], madwar nofs il-produzzjoni globali tar-ram u tal-litju kienet ikkonċentrata f'żoni li diġà jbatu minn stress idriku qawwi; billi, barra minn hekk, il-maġġoranza tal-postijiet ta' tħaffir attwali u potenzjali jinsabu f'żoni rurali u indiġeni;

J. billi l-impatt soċjali u ambjentali negattiv tal-industriji estrattivi jirriskja li jsir aktar sever fil-futur, minħabba x-xejra lejn estrazzjoni minerarja ta' minerali ta' kwalità inferjuri, li se twassal għal ammonti akbar ta' skart, kif ukoll għal domandi ogħla għall-enerġija u l-ilma; billi dan huwa partikolarment inkwetanti għall-persuni emarġinati u vulnerabbli fil-pajjiżi li qed jiżviluppaw, fejn l-impatti tat-tibdil fil-klima diġà qed iżidu l-iskarsezza tal-ilma; jirrimarka, barra minn hekk, li hekk kif ir-riżervi faċilment aċċessibbli jispiċċaw, l-esplorazzjoni qed timxi lejn żoni remoti u spiss fraġli, bħal fil-każ tal-estrazzjoni minerarja minn fond il-baħar;

K. billi analiżi mill-Bank Dinji[10] tiddikjara li 44 % tal-minjieri operattivi kollha jinsabu fil-foresti, u dan iwassal għal impatt sinifikanti fuq id-deforestazzjoni, kif ukoll fuq il-popli indiġeni u l-komunitajiet lokali li jiddependu mill-foresti għall-għajxien tagħhom;

L. billi d-dritt għall-informazzjoni, il-parteċipazzjoni u r-rimedju huma drittijiet tal-bniedem protetti internazzjonalment minquxa fi ftehimiet multilaterali, li jindirizzaw b'mod partikolari t-teħid ta' deċiżjonijiet ambjentali, li huma ta' importanza partikolari fil-każ tal-estrazzjoni minerarja;

M. billi l-industriji estrattivi jistgħu jaffettwaw b'mod pożittiv jew negattiv diversi Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli (SDGs) tan-NU b'mod dirett jew indirett, b'mod partikolari l-SDG 1 (l-ebda faqar), l-SDG 3 (saħħa tajba u benesseri), l-SDG 6 (ilma nadif u sanità), l-SDG 7 (enerġija affordabbli u nadifa), l-SDG 8 (xogħol deċenti u tkabbir ekonomiku), l-SDG 13 (azzjoni klimatika), l-SDG 15 (il-ħajja fuq l-art) u l-SDG 16 (il-paċi, il-ġustizzja u istituzzjonijiet b'saħħithom);

N. billi l-SDGs huma universali u għalhekk jirrikjedu koerenza mill-UE fl-azzjoni interna u

---

[9] AIE, "The Role of Critical Minerals in Clean Energy Transitions" (Ir-Rwol tal-Minerali Kritiċi fit-Tranżizzjonijiet tal-Enerġija Nadifa), Rapport Speċjali dwar il-Perspettiva tal-Enerġija Dinjija, 2021, p. 128.

[10] Il-Bank Dinji, "Forest-Smart Mining: Identifying Factors Associated with the Impacts of Large-Scale Mining on Forests" (Estrazzjoni Minerarja Li Tirrispetta l-Foresti: Fatturi ta' Identifikazzjoni Assoċjati mal-Impatti tal-Estrazzjoni Minerarja fuq Skala Kbira fuq il-Foresti), 2019.

esterna tagħha; billi ntwera li l-Unjoni Ewropea għandha impatt negattiv fuq il-progress tal-pajjiżi li qed jiżviluppaw lejn l-SDGs permezz tal-konsum tagħha tar-riżorsi, l-hekk imsejjaħ effett konsegwenzjali[11];

O. billi l-Ftehimiet ta' Żvilupp tal-Komunità (CDAs) jistgħu jipprovdu mezz biex tissaħħaħ u titmexxa 'l quddiem relazzjoni sostenibbli u ta' benefiċċju reċiproku għall-gvernijiet, il-kumpaniji u l-komunitajiet, kif ukoll mezz biex jiġu pprevenuti l-kunflitti u jiżdiedu t-trasparenza u l-obbligu ta' rendikont; billi l-Bank Dinji jqis is-CDAs bħala l-aħjar prattika għal ftehimiet estrattivi[12]; billi l-10 Prinċipji tal-Estrazzjoni Minerarja tal-Kunsill Internazzjonali dwar l-Estrazzjoni Minerarja u l-Metalli (ICMM) jinkoraġġixxu lill-membri tiegħu jwettqu involviment xieraq tal-partijiet ikkonċernati u jikkontribwixxu għall-iżvilupp sostenibbli tal-pajjiżi u tal-komunitajiet ospitanti[13]; billi l-Istandard tal-Inizjattiva għal Assigurazzjoni Responsabbli tal-Estrazzjoni Minerarja (IRMA) għal Estrazzjoni Minerarja Responsabbli kienet qed tiżviluppa l-aħjar prattiki dwar kif tista' ssir estrazzjoni minerarja responsabbli;

P. billi l-pajjiżi li qed jiżviluppaw li huma għonja fir-riżorsi spiss isofru mis-"saħta tar-riżorsi", peress li abbundanza ta' riżorsi naturali s'issa għadha ma wasslitx għall-iżvilupp ekonomiku tagħhom minħabba, fosthom, regolamenti ħżiena, korruzzjoni, nuqqas ta' trasparenza u ta' obbligu ta' rendikont, u dipendenza żejda mid-dħul mill-industriji estrattivi u nuqqas sussegwenti ta' diversifikazzjoni ekonomika; billi l-Afrika, b'mod partikolari r-reġjun sub-Saħarjan, saret każ klassiku tas-"saħta tar-riżorsi", minkejja li għandha 30 % tar-riżervi minerali tad-dinja, 8 % tal-gass naturali tad-dinja u 12 % tar-riżervi taż-żejt tad-dinja[14];

Q. billi l-pajjiżi li qed jiżviluppaw spiss iffaċċjaw sfidi biex jiġbru dħul suffiċjenti minn attività estrattiva minħabba sistemi tat-taxxa dgħajfa jew rigressivi, nuqqas ta' reżiljenza istituzzjonali, ippjanar fit-tul inadegwat, piżijiet ta' dejn mhux sostenibbli, flussi finanzjarji illeċiti, korruzzjoni u evażjoni tat-taxxa;

R. billi l-pajjiżi li qed jiżviluppaw li jesportaw il-materja prima jiddependu ħafna mid-dħul mit-taxxa minn dawn l-esportazzjonijiet;

S. billi l-aċċellerazzjoni tal-isforzi biex jiġi indirizzat it-tibdil fil-klima u tiġi indirizzata d-domanda li qed tiżdied b'mod rapidu għall-materja prima indispensabbli biex jinkisbu t-tranżizzjonijiet ekoloġiċi u diġitali, kif ukoll ir-rekwiżiti ta' sostenibbiltà u diversifikazzjoni stabbiliti fl-UE, tqajjem kemm sfidi kif ukoll opportunitajiet biex is-settur tal-industriji estrattivi jsir sostenibbli u għall-pajjiżi li qed jiżviluppaw li huma għonja fir-riżorsi; billi l-UE tista' tistabbilixxi oqfsa għas-settur tal-industriji estrattivi

---

[11] In-Network ta' Soluzzjonijiet ta' Żvilupp Sostenibbli (SDSN), "Europe Sustainable Development Report" (Rapport dwar l-Iżvilupp Sostenibbli tal-Ewropa), 2022, disponibbli fuq: https://s3.amazonaws.com/sustainabledevelopment.report/2022/europe-sustainable-development-report-2022.pdf.

[12] Il-Bank Dinji, "Mining Community Development Agreements Source Book" (Il-Ftehim dwar l-Iżvilupp tal-Komunità tal-Estrazzjoni Minerarja Ktieb Sors), 2012, disponibbli fuq: https://openknowledge.worldbank.org/server/api/core/bitstreams/8161b734-e57b-572c-863a-851103471a5f/content.

[13] https://www.icmm.com/en-gb/our-principles/mining-principles/mining-principles.

[14] UNEP, "Our work in Africa" (Il-ħidma tagħna fl-Afrika), https://www.unep.org/regions/africa/our-work-africa.

fil-pajjiżi li qed jiżviluppaw b'tali mod li din id-domanda tiġi sfruttata aħjar f'konformità mal-SDGs billi jiżdied l-ispazju fiskali tagħhom u tingħata spinta lin-nefqa pubblika, kif ukoll ir-rwol tagħhom fil-komunità internazzjonali, filwaqt li jitnaqqsu l-emissjonijiet tagħhom ta' gassijiet serra; billi l-pajjiżi li qed jiżviluppaw jeħtieġ li jnaqqsu d-dipendenza tagħhom mill-industriji estrattivi u jespandu l-ekonomiji tagħhom f'setturi orjentati lejn il-futur bħal teknoloġiji b'emissjonijiet żero netti biex iwessgħu s-sorsi ta' dħul tagħhom;

T. billi l-Artikolu 3(5) tat-TUE jobbliga lill-Unjoni biex, fost l-oħrajn, "tikkontribwixxi għall-paċi, is-sigurtà, l-iżvilupp sostenibbli tal-pjaneta, is-solidarjetà u r-rispett reċiproku bejn il-popli, il-kummerċ liberu u ġust, il-qerda tal-faqar u l-protezzjoni tad-drittijiet tal-bniedem"; billi, f'konformità mal-Artikolu 21(1) tat-TUE "l-azzjoni tal-Unjoni fix-xena internazzjonali għandha tkun gwidata mill-prinċipji li ispiraw il-ħolqien tagħha stess", inklużi d-demokrazija, l-istat tad-dritt u l-universalità u l-indiviżibbiltà tad-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet fundamentali;

U. billi l-impenn politiku tal-UE favur il-PCD ġie affermat mill-ġdid fil-Kunsens Ewropew Ġdid għall-Iżvilupp tal-2017, li identifika l-PCD bħala "element kruċjali tal-istrateġija [tal-UE] biex tilħaq l-SDGs u kontribut importanti għall-objettiv usa' tal-Koerenza tal-Politiki għall-Iżvilupp Sostenibbli (PCSD)";

V. billi l-politika tal-iżvilupp tal-UE għandha tappoġġja lill-pajjiżi li qed jiżviluppaw fit-trasformazzjoni tal-industriji estrattivi tagħhom biex jiġi żgurat li dawn jikkontribwixxu għall-iżvilupp sostenibbli f'konformità mal-SDGs u l-Ftehim ta' Pariġi;

W. billi l-attivitajiet tal-industriji estrattivi qed iseħħu fil-kuntest globali tal-Ftehim ta' Pariġi li għandu l-għan li jżomm iż-żieda fit-temperatura globali f'dan is-seklu sew taħt żewġ gradi ogħla mil-livelli preindustrijali u jagħmel il-flussi finanzjarji konsistenti ma' emissjonijiet baxxi ta' gassijiet serra u perkors reżiljenti għat-tibdil fil-klima, kif ukoll fil-kuntest Ewropew tal-Liġi Ewropea dwar il-Klima[15] li tistipula n-newtralità klimatika fl-UE sal-2050 u tnaqqis ta' 55 % tas-$CO_2$ sal-2030 meta mqabbel mal-livelli tal-1990, il-pakkett ta' regolamentazzjoni "Lesti għall-mira ta' 55 %" jinkludi, fost l-oħrajn, miri vinkolanti ta' effiċjenza u ċirkolarità, u fil-kuntest tas-Sistema Ewropea għall-Iskambju ta' Kwoti tal-Emissjonijiet riveduta u estiża;

X. billi l-UE reċentement adottat jew se tadotta leġiżlazzjoni biex ittejjeb ir-responsabbiltà soċjali korporattiva u l-imġiba responsabbli fin-negozju li se jkollha impatt fuq l-industriji estrattivi li joperaw fil-pajjiżi li qed jiżviluppaw, bħar-Regolament dwar il-Minerali ta' Kunflitt[16], id-Direttiva dwar ir-Rapportar Korporattiv dwar is-Sostenibbiltà[17], id-Direttiva dwar id-Diliġenza Dovuta tas-Sostenibbiltà Korporattiva

[15] Ir-Regolament (UE) 2021/1119 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Ġunju 2021 li jistabbilixxi l-qafas biex tinkiseb in-newtralità klimatika u li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 401/2009 u (UE) 2018/1999 (ĠU L 243, 9.7.2021, p. 1).
[16] Ir-Regolament (UE) 2017/821 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Mejju 2017 li jistabbilixxi obbligi tad-diliġenza dovuta tal-katina tal-provvista għall-importaturi tal-Unjoni ta' landa, tantalu u tungstenu, il-minerali tagħhom, u deheb li joriġinaw minn żoni affettwati minn kunflitti u ta' riskju għoli (ĠU L 130, 19.5.2017, p. 1)
[17] Id-Direttiva (UE) 2022/2464 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Diċembru 2022 li temenda r-Regolament (UE) Nru 537/2014, id-Direttiva 2004/109/KE, id-Direttiva 2006/43/KE u d-Direttiva 2013/34/UE, fir-rigward tar-rapportar korporattiv dwar is-sostenibbiltà (ĠU L 322, 16.12.2022, p. 15).

li jmiss[18], ir-Regolament dwar il-Projbizzjoni tal-Prodotti tax-Xogħol Furzat li jmiss[19] u l-Att dwar il-Materja Prima Kritika;

Y. billi r-Rapport tal-Valutazzjoni tal-Impatt li jakkumpanja d-dokument Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi qafas li jiżgura provvista sigura u sostenibbli tal-materja prima kritika u li jemenda r-Regolamenti (UE) 168/2013, (UE) 2018/858, 2018/1724 u (UE) 2019/1020[20] (l-Att Ewropew dwar il-Materja Prima Kritika) ma jivvalutax b'mod adegwat l-impatti soċjali, ambjentali, tad-drittijiet tal-bniedem u ekonomiċi tal-proposta fuq il-pajjiżi li qed jiżviluppaw (kif preskritt mill-għodda għal Regolamentazzjoni Aħjar #35 u l-għodda tal-SDG #19) u fuq l-għajxien tal-komunitajiet indiġeni lokali, inklużi n-nisa u l-bniet[21];

Z. billi l-impenn tal-UE għal tranżizzjoni ġusta jestendi fuq livell globali u għall-ħtieġa ta' riformi profondi fid-dimensjonijiet finanzjarji, ta' governanza, soċjali u ambjentali tas-settur estrattiv;

AA. billi l-minerali ma humiex distribwiti b'mod uniformi madwar id-dinja, u dan għandu impatt enormi fuq in-Nofsinhar Globali; billi analiżi[22] sabet li fl-2019, 79 % tal-estrazzjoni globali tal-minerali tal-metall oriġinat minn ħamsa mis-sitt bijomi l-aktar għonja fl-ispeċi;

AB. billi t-Trattat dwar l-Ibħra Miftuħa[23] adottat f'Ġunju 2023 jipprevedi qafas għall-protezzjoni tal-ibħra miftuħa mill-impatti tal-industriji estrattivi u jistabbilixxi l-kondiviżjoni tal-benefiċċji mir-riżorsi ġenetiċi marittimi bejn il-pajjiżi żviluppati u dawk li qed jiżviluppaw; billi l-UE wiegħdet EUR 40 miljun bħala parti minn Programm Globali tal-Oċeani sabiex tgħin lill-pajjiżi li qed jiżviluppaw fl-implimentazzjoni tat-trattat;

*It-tisħiħ tal-politika ta' żvilupp tal-UE*

1. Ifakkar li l-UE hija l-akbar donatur ta' għajnuna għall-iżvilupp fid-dinja, prinċipalment permezz ta' organizzazzjonijiet internazzjonali u Stati Membri; jisħaq, għalhekk, fuq l-importanza li l-prinċipji tal-iżvilupp sostenibbli jiġu integrati fl-azzjoni esterna kollha tal-UE, b'mod partikolari fil-politiki relatati mal-industriji estrattivi, f'konformità mal-obbligu legali tal-UE li tiżgura l-koerenza tal-politiki għall-iżvilupp, kif stabbilit fl-Artikolu 208 tat-TFUE;

2. Jistieden lill-UE tippromwovi sħubija bejn partijiet ugwali bejn l-UE u l-pajjiżi li qed jiżviluppaw li jiddependu b'mod sinifikanti mill-industriji estrattivi; jissottolinja li l-

---

[18] Il-proposta tal-Kummissjoni tat-23 ta' Frar 2022 għal direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar id-Diliġenza Dovuta tas-Sostenibbiltà Korporattiva u li temenda d-Direttiva (UE) 2019/1937 (COM(2022)0071).
[19] Il-proposta tal-14 ta' Settembru 2022 għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-projbizzjoni ta' prodotti magħmulin b'xogħol furzat fis-suq tal-Unjoni (COM(2022)0453).
[20] SWD(2023)0161.
[21] https://eur-lex.europa.eu/legal-content/EN/TXT/?uri=celex%3A52023SC0161.
[22] Luckeneder, S., Giljum, S., Schaffartzik, A., Maus, V. u Tost, M., "Surge in global metal mining threatens vulnerable ecosystems" (Iż-żieda fl-estrazzjoni minerarja globali tal-metall thedded l-ekosistemi vulnerabbli), *Global Environmental Change*, Volum 69, 2021.
[23] Il-Ftehim skont il-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar il-Liġi tal-Baħar fuq il-Konservazzjoni u l-Użu Sostenibbli tad-Diversità Bijoloġika Marina fiż-Żoni lil hinn mill-Ġuriżdizzjoni Nazzjonali, 19 ta' Ġunju 2023.

proġetti kollha tal-UE fil-qasam tal-estrazzjoni fil-pajjiżi li qed jiżviluppaw għandhom joħolqu sitwazzjonijiet ta' benefiċċju għal kulħadd, inkluż għall-komunitajiet lokali, u għandhom iqiegħdu l-iżvilupp iċċentrat fuq in-nies u ċċentrat fuq l-ambjent fil-qalba tal-objettivi tagħhom u tal-oqfsa ta' politika operazzjonali kollha; jisħaq, għal dan il-għan, li l-UE għandha tappoġġja lill-pajjiżi b'introjtu baxx u li huma għonja fir-riżorsi biex jitbiegħdu min-natura enklava u mill-mudell ta' estrazzjoni tas-settur tal-estrazzjoni minerarja, u biex tipprovdi lill-pajjiżi li qed jiżviluppaw spazju ta' politika suffiċjenti biex jagħmlu dan, inkluż permezz tal-użu ta' għodod kummerċjali internazzjonali sabiex tinkiseb industrijalizzazzjoni bbażata fuq ir-riżorsi fil-livell lokali; jisħaq ukoll li l-proġetti jridu jitwettqu b'mod ġust u favorevoli għall-klima u mhux għad-detriment tal-ambjent, tad-drittijiet tal-bniedem u tal-paċi, permezz tal-aktar metodi innovattivi disponibbli; jirrimarka li l-faċilitazzjoni tal-investiment sostenibbli u l-istrateġija ġenerali tal-UE għall-kummerċ u l-investiment għandhom jinkoraġġixxu opportunitajiet ta' investiment fil-pajjiżi li qed jiżviluppaw, sabiex jintlaħqu l-SDGs; jitlob lill-Kummissjoni tagħmel is-sostenibbiltà prijorità tal-proġetti tas-settur tal-materja prima fl-ambitu tal-Inizjattiva Global Gateway u tiffaċilita l-aċċess għall-finanzi kif xieraq;

3. Jisħaq fuq l-importanza li l-industriji estrattivi sostenibbli jiġu integrati fl-ekonomija lokali, sabiex tiġi żviluppata kapaċità industrijali lokali b'valur miżjud għoli għall-pajjiżi li qed jiżviluppaw; jemmen li l-pajjiżi li qed jiżviluppaw għandhom id-dritt li jużaw taxxi fuq l-esportazzjoni u restrizzjonijiet kummerċjali leġittimi biex jiżviluppaw il-bażi industrijali tagħhom stess u jużaw ir-riżorsi tad-dazji fuq l-esportazzjoni mill-industriji estrattivi għall-iżvilupp tal-bniedem u t-tisħiħ tas-servizzi pubbliċi bħall-edukazzjoni u s-saħħa; jistieden lill-UE tirrieżamina r-restrizzjonijiet fuq it-taxxi fuq l-esportazzjoni fil-ftehimiet kummerċjali tagħha mal-pajjiżi li qed jiżviluppaw;

4. Jissottolinja li l-UE u l-Istati Membri tagħha jeħtiġilhom jirrispettaw, u jitolbu lill-pajjiżi sħab tagħhom jirrispettaw, il-ħtiġijiet tal-popolazzjonijiet lokali u tal-popli indiġeni, b'mod partikolari d-dritt tal-popli indiġeni għal kunsens liberu u infurmat qabel l-approvazzjoni ta' kwalunkwe proġett ta' estrazzjoni li jaffettwa l-artijiet jew it-territorji tagħhom, f'konformità mad-Dikjarazzjoni tan-NU dwar id-Drittijiet tal-Popli Indiġeni (UNDRIP) u l-Konvenzjoni Nru 169 tal-ILO dwar il-Popli Indiġeni u Tribali; jirrimarka li l-estrazzjoni minerarja żżid ir-riskju tal-ħtif tal-art, f'kuntest fejn il-gvernijiet tal-pajjiżi li qed jiżviluppaw spiss jonqsu milli jirrikonoxxu d-drittijiet normali tal-popli indiġeni u tal-komunitajiet għall-artijiet li jgħixu fihom; jitlob li jkun hemm konformità mal-Linji Gwida Volontarji tal-Organizzazzjoni tal-Ikel u l-Agrikoltura (FAO) dwar il-Governanza Responsabbli tal-Pussess tal-Art, is-Sajd u l-Foresti, biex jiġi evitat il-ħtif tal-art li jirriżulta mill-industriji estrattivi; jisħaq li l-promozzjoni tad-drittijiet tal-popli indiġeni u l-prattiki tradizzjonali tagħhom hija importanti biex jinkiseb żvilupp sostenibbli u jiġi miġġieled it-tibdil fil-klima;

5. Iħeġġeġ lill-UE ssaħħaħ l-appoġġ tagħha għall-pajjiżi li qed jiżviluppaw li huma għonja fir-riżorsi biex inaqqsu d-dipendenza tagħhom mill-industriji estrattivi u jiddiversifikaw l-ekonomiji tagħhom, li huma sensittivi għax-xokkijiet ekonomiċi u l-volatilità tal-prezzijiet, billi tippromwovi alternattivi sostenibbli;

6. Iqis li l-UE għandha tappoġġja lill-pajjiżi li qed jiżviluppaw li huma għonja fir-riżorsi biex jaqbdu u jimmaniġġjaw id-dħul tagħhom mill-ekonomija estrattiva b'mod effettiv u trasparenti sabiex jinkiseb żvilupp inklużiv u sostenibbli għall-benefiċċju tal-

popolazzjonijiet tagħhom u l-avvanz tal-SDGs;

7. Jistieden lill-Kummissjoni ssaħħaħ id-djalogu u l-kooperazzjoni tagħha mal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, it-trade unions, il-komunitajiet lokali u l-popli indiġeni fil-pajjiżi li qed jiżviluppaw affettwati direttament mill-industriji estrattivi, sabiex tippromwovi d-drittijiet tagħhom u tiżgura l-involviment sinifikattiv u l-parteċipazzjoni attiva tagħhom fil-proċessi tat-teħid tad-deċiżjonijiet, b'mod partikolari fir-rigward tat-tfassil u l-valutazzjoni tal-impatti tal-proġetti ewlenin tal-Global Gateway; jissottolinja li l-atturi tas-soċjetà ċivili għandu jkollhom rappreżentanza formali fil-bord ta' governanza tal-Global Gateway; jilqa' t-tħabbira tat-tnedija tal-Pjattaforma ta' Djalogu tas-Soċjetà Ċivili u tal-Awtoritajiet Lokali ta' Global Gateway biex jiġi żgurat li jseħħ djalogu sinifikattiv meta jintgħażlu u jiġu appoġġjati l-proġetti ta' Global Gateway;

8. Jitlob li jitlaqqa' Grupp ta' Monitoraġġ ta' Global Gateway (GGMG) biex jipprovdi sorveljanza robusta u effettiva tal-proġetti kollha ta' Global Gateway u r-rispett tagħhom għall-prinċipju tal-PCD, magħmul minn atturi tas-soċjetà ċivili, b'mod partikolari, dawk li jirrappreżentaw il-popli indiġeni, il-Membri tal-Parlament Ewropew, ir-rappreżentanti tal-Istati Membri u esperti rilevanti oħra; jisħaq li l-GGMG għandu jfassal rapport annwali dwar l-impatt tal-proġetti ta' Global Gateway fuq id-drittijiet tal-bniedem, l-ambjent, il-libertajiet ċivili, il-paċi, l-inugwaljanza u t-tnaqqis tal-faqar; jistieden lill-President tal-Kummissjoni jistieden lill-President tal-GGMG għal-laqgħat kollha tal-Bord ta' Governanza; jissottolinja li l-GGMG għandu jkollu aċċess għad-dokumenti u l-minuti kollha tal-laqgħat tal-Grupp Konsultattiv dwar in-Negozju, il-Bord ta' Governanza u l-Pjattaforma ta' Djalogu tas-Soċjetà Ċivili u tal-Awtoritajiet Lokali;

9. Jistieden lill-Kummissjoni ssaħħaħ il-kapaċità tal-atturi tas-soċjetà ċivili biex jinvolvu ruħhom b'mod effettiv fil-proċessi tat-teħid tad-deċiżjonijiet, inkluż billi tipprovdi taħriġ u appoġġ f'oqsma bħal-litteriżmu legali, il-ħiliet tan-negozjar, il-valutazzjonijiet tal-impatt ambjentali u l-monitoraġġ tal-proġetti;

10. Jappella lill-UE tappoġġja l-isforzi tat-tisħiħ tal-kapaċitajiet fil-pajjiżi li qed jiżviluppaw, inkluż permezz ta' assistenza teknika lill-partijiet ikkonċernati rilevanti, bħall-uffiċjali tal-gvern, il-ġudikatura u l-aġenziji tal-infurzar tal-liġi, biex isaħħu l-oqfsa legali u regolatorji tagħhom għall-industriji estrattivi, inklużi miżuri biex iżidu l-governanza u t-trasparenza, jiġġieldu l-korruzzjoni, il-ġestjoni ħażina tad-dħul, il-frodi u l-evażjoni tat-taxxa u l-flussi finanzjarji illeċiti, itejbu l-istandards tax-xogħol, tad-drittijiet tal-bniedem u dawk ambjentali, u jsaħħu l-infurzar tal-liġi; ifakkar li wħud mir-riżorsi naturali li jikkontribwixxu għal uħud mill-aktar kunflitti dejjiema u brutali fid-dinja jgħaddu minn ktajjen tal-provvista marbuta ma' kumpaniji li joperaw f'pajjiżi żviluppati, jiġifieri fl-UE; jenfasizza l-ħtieġa, għalhekk, li jiġi żgurat aċċess effettiv għall-ġustizzja għall-vittmi tal-applikazzjoni ħażina soċjali jew ambjentali tal-leġiżlazzjoni minn kumpaniji multinazzjonali li joperaw f'pajjiżi li qed jiżviluppaw;

11. Jappella lill-Kummissjoni tressaq Kodiċi ta' Kondotta tal-UE dwar l-Investiment Responsabbli fl-Industriji Estrattivi f'Pajjiżi li qed Jiżviluppaw li jkun volontarju għan-negozji u l-istituzzjonijiet ta' finanzjament għall-iżvilupp, abbozzat b'kontributi mill-industrija u mit-trade unions, kif ukoll minn organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili u minn

rappreżentanti ta' komunitajiet indiġeni u komunitajiet lokali; iqis li l-kodiċi għandu jartikola impenji ċari u prinċipji gwida mfassla apposta għall-investiment fil-pajjiżi li qed jiżviluppaw f'konformità, fost l-oħrajn, mal-proċessi ta' diliġenza dovuta kif definiti mil-leġiżlazzjoni tal-UE u standards, linji gwida u inizjattivi internazzjonali eżistenti bħall-SDGs tan-NU, il-Prinċipji Gwida tan-NU dwar in-Negozju u d-Drittijiet tal-Bniedem, il-Patt Globali tan-NU, il-Linji Gwida tal-Organizzazzjoni għall-Kooperazzjoni u l-Iżvilupp Ekonomiċi (OECD) għall-Intrapriżi Multinazzjonali, l-istandards ISO 26000 u l-Inizjattiva għat-Trasparenza tal-Industriji Estrattivi; jisħaq li l-kunsens liberu, minn qabel u infurmat tal-popli indiġeni u tal-komunitajiet lokali u l-iżvilupp sostenibbli lokali għandu jkun l-objettiv ġenerali tal-kodiċi; jemmen li l-kodiċi għandu jkopri, bħala minimu, impenji dwar:

a) l-involviment tal-partijiet ikkonċernati; iqis li meta pajjiż terz ma jkunx illeġiżla għal CDAs obbligatorji, in-negozji Ewropej għandhom jimplimentawhom bħala prerekwiżit għan-negozju; iqis li l-ftehimiet għandhom jiġu nnegozjati fil-qafas ta' pjattaformi b'diversi partijiet ikkonċernati li jinvolvu b'mod sinifikanti lill-popli indiġeni u l-komunitajiet lokali, filwaqt li jikkonformaw b'mod effettiv mal-prinċipju ta' kunsens liberu, minn qabel u infurmat u għandhom ikunu aċċessibbli għall-pubbliku;

b) it-trasparenza, inkluż rappurtar proattiv ambjentali, soċjali u ta' governanza (ESG) dwar proġetti f'pajjiżi li qed jiżviluppaw, f'konformità mal-prinċipju ta' materjalità doppja, kif ukoll il-pubblikazzjoni ta' kuntratti u tranżazzjonijiet finanzjarji, inkluż l-għoti ta' dettalji dwar il-pagamenti magħmula lill-gvernijiet ospitanti; jissottolinja li l-informazzjoni pubblika kollha għandha tiġi pprovduta b'mod ċar u li jinftiehem biex l-atturi rilevanti jinżammu responsabbli;

c) l-Istat tad-dritt u l-prevenzjoni tal-korruzzjoni, inkluża l-konformità mal-oqfsa legali, il-miżuri kontra l-korruzzjoni, it-trasparenza fit-tranżazzjonijiet finanzjarji u l-protezzjoni tal-informaturi;

d) kwistjonijiet tad-drittijiet tal-bniedem, bħall-użu tat-tħaddim furzat u tat-tħaddim tat-tfal, id-drittijiet tal-ħaddiema, l-ispostament, id-diskriminazzjoni, id-drittijiet indiġeni, id-drittijiet tan-nisa u l-bniet, l-edukazzjoni, is-saħħa u s-sikurezza, kif ukoll kundizzjonijiet tax-xogħol sikuri;

e) il-protezzjoni ambjentali, il-prestazzjoni u l-impatt, inklużi l-miżuri ta' prevenzjoni tat-tniġġis, l-użu sostenibbli tar-riżorsi naturali u l-miżuri u r-riżorsi biex jiġu żgurati r-riċiklaġġ xieraq u l-immaniġġjar tal-iskart tal-materja prima;

f) il-kontenut lokali u d-diversifikazzjoni ekonomika, inklużi opportunitajiet għaż-żieda tal-valur lokali, l-iżvilupp tal-ħiliet u t-trasferiment tat-teknoloġija biex jiġu promossi d-diversifikazzjoni ekonomika u t-tkabbir inklużiv fil-pajjiżi sħab;

g) il-konservazzjoni u l-bijodiversità;

h) inizjattivi tat-tisħiħ tal-kapaċitajiet, inklużi programmi ta' taħriġ u pjattaformi għall-kondiviżjoni tal-għarfien biex jittejjeb il-fehim ta' prattiki ta' investiment responsabbli fl-industriji estrattivi;

i) mekkaniżmi ta' lmentar u salvagwardji biex jiġu indirizzati l-ksur tad-drittijiet tal-bniedem u l-impatti ambjentali kkawżati mill-industriji estrattivi, inkluż l-istabbiliment ta' korpi ta' monitoraġġ indipendenti, mekkaniżmi ta' lmentar u rimedji adegwati;

j) qafas ta' monitoraġġ u rappurtar biex tiġi żgurata l-konformità mal-kodiċi, li jinvolvi rappurtar perjodiku, verifika indipendenti minn parti terza u divulgazzjoni pubblika tal-indikaturi tal-prestazzjoni;

12. Jikkundanna x-xogħol furzat u t-tħaddim tat-tfal; jappella biex tittieħed azzjoni aktar effettiva ħalli jiġu protetti u appoġġjati l-vittmi tax-xogħol furzat u tat-tħaddim tat-tfal, u biex tinstab soluzzjoni sistemika li tqis il-fatturi kollha, jiġifieri l-faqar, l-inugwaljanza, in-nuqqas ta' aċċess għall-edukazzjoni, u l-aċċettazzjoni soċjali tat-tħaddim tat-tfal;

13. Iħeġġeġ lill-UE tirdoppja l-isforzi tagħha biex tiġġieled it-tħaddim tat-tfal fl-attivitajiet estrattivi u fil-programmi ta' appoġġ li jipprovdu opportunitajiet edukattivi u prospetti alternattivi li jiġġeneraw introjtu, sabiex tneħħi lit-tfal minn dawk l-attivitajiet fil-qafas tal-programm tematiku "Sfidi Globali" tal-Istrument ta' Viċinat, ta' Kooperazzjoni għall-Iżvilupp u ta' Kooperazzjoni Internazzjonali (NDICI) – Ewropa Globali;

14. Jistieden lill-UE żżid it-trasferimenti tat-teknoloġija, il-kondiviżjoni tal-għarfien u t-tisħiħ tal-kapaċitajiet fir-rigward tal-ġestjoni sostenibbli tar-riżorsi fil-pajjiżi li qed jiżviluppaw, b'mod partikolari f'oqsma relatati mal-ġestjoni ambjentali, il-prattiki tal-estrazzjoni minerarja responsabbli u l-użu sostenibbli tar-riżorsi fis-settur tal-industriji estrattivi;

15. Jistieden lill-Kummissjoni tappoġġja inċentivi u programmi tat-tisħiħ tal-kapaċitajiet, b'mod partikolari dawk li jinvolvu n-nisa, għall-pajjiżi li qed jiżviluppaw li jieħdu passi biex jifformalizzaw is-settur tal-ASM u jintegrawh fl-ekonomija rurali u nazzjonali sabiex jittejbu l-kundizzjonijiet tax-xogħol u l-għajxien tal-komunitajiet lokali, kif ukoll biex jitwaqqfu l-flussi finanzjarji illeċiti li spiss huma responsabbli għall-korruzzjoni u l-kunflitti armati; ifakkar li l-ASM hija attività bbażata ħafna fuq il-ġeneru; jistieden lill-UE tappoġġja l-formazzjoni ta' kooperattivi u assoċjazzjonijiet tal-estrazzjoni minerarja għan-nisa sabiex jittejbu l-parteċipazzjoni tan-nisa, is-setgħa tan-negozjar, il-kundizzjonijiet tax-xogħol u l-indipendenza ekonomika; jenfasizza t-theddida għas-sigurtà tal-ikel u r-riskji ambjentali u tas-saħħa assoċjati mal-attivitajiet mhux regolati tal-ASM fiż-żoni rurali u l-fatt li skont l-UNEP, ħafna attivitajiet tal-ASM iseħħu fuq beni komuni globali ta' artijiet forestali f'ekosistemi kritiċi li ma kinux jintużaw qabel;

16. Jinnota bi tħassib li għall-maġġoranza tal-pajjiżi li qed jiżviluppaw li huma għonja fir-riżorsi, l-isfruttament tal-minjieri, taż-żejt jew tal-gass ma ssarrafx fi żvilupp ekonomiku, uman u soċjali b'bażi wiesgħa; jissottolinja li l-indirizzar tas-"saħta tar-riżorsi" jew il-"paradoss tal-abbundanza" jinvolvi mhux biss id-diversifikazzjoni ekonomika, iżda wkoll it-tisħiħ tar-reżiljenza istituzzjonali, ir-rispett tal-istat tad-dritt u ż-żieda fl-ispazju fiskali ta' pajjiżi terzi biex jiġi ffaċilitat l-iżvilupp sostenibbli; jisħaq li l-UE għandha tinkoraġġixxi b'mod proattiv il-mobilizzazzjoni tar-riżorsi domestiċi fil-pajjiżi sħab, bħat-tassazzjoni diretta, u tagħmilha possibbli li jiġu applikati taxxi fuq l-esportazzjoni ta' prodotti bażiċi, sakemm dan ikun kompatibbli mad-WTO u mhux

applikat b'mod diskriminatorju; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jimpenjaw ruħhom biex iżidu l-finanzjament konċessjonali b'mod parallel mal-Att dwar il-Materja Prima Kritika; itenni li l-limiti massimi fl-Intestatura 6 tal-qafas finanzjarju pluriennali (QFP) iridu jiżdiedu kif xieraq fil-kuntest tar-rieżami tal-QFP li jmiss;

17. Ifakkar li l-impatti tal-estrazzjoni minerarja jistgħu jestendu għal snin lil hinn mill-għeluq tal-minjiera nnifisha, peress li l-iskart tal-minjieri huwa tossiku, u għalhekk ifixkel l-ambjent, is-servizzi tal-bijodiversità u l-għajxien assoċjat; jappella, għaldaqstant, li jkun hemm governanza effettiva tar-riżorsi minerali matul iċ-ċiklu tal-ħajja tal-operazzjonijiet tal-estrazzjoni minerarja, li tirrikjedi, fost l-oħrajn:

- ir-rikonoxximent tad-drittijiet ta' kunsens liberu, minn qabel u infurmat tal-popli indiġeni u l-komunitajiet lokali; l-aċċess tagħhom għall-informazzjoni għall-parteċipazzjoni pubblika effettiva fit-teħid tad-deċiżjonijiet, u l-assigurazzjoni li l-persuni li jeżerċitaw id-drittijiet tagħhom ma jiġux penalizzati, ippersegwitati jew iffastidjati;

- it-trasparenza sħiħa tas-settur tal-estrazzjoni fir-rigward tad-dħul u l-kuntratti, f'konformità mar-rekwiżiti tal-Inizjattiva għat-Trasparenza tal-Industriji Estrattivi (EITI), inkluż dwar it-trasparenza ambjentali;

- l-indirizzar tal-impatti soċjali tal-estrazzjoni minerarja u l-mitigazzjoni tagħhom permezz ta' approċċ xprunat minn prinċipju ta' "evita, immitiga, irrestawra";

*Azzjonijiet tal-UE fil-livell multilaterali*

18. Jistieden lill-Kummissjoni tipproponi inizjattiva tal-G20 biex l-estrattivi jaħdmu għall-iżvilupp sostenibbli lokali f'pajjiżi li qed jiżviluppaw li huma għonja fir-riżorsi; jisħaq li l-inizjattiva għandha titfassal apposta skont kull kuntest u tista' tinkludi, fost l-oħrajn, appoġġ finanzjarju, assistenza għad-dejn, serħan u kanċellazzjoni tad-dejn, it-tisħiħ tal-kapaċitajiet fil-governanza, it-tassazzjoni u l-ġlieda kontra l-korruzzjoni; jistieden lill-Kummissjoni taġixxi bħala medjatur f'taħditiet dwar il-ħelsien mid-dejn sabiex il-pajjiżi li qed jiżviluppaw jingħataw l-ispazju finanzjarju ħalli jittrasformaw l-industriji estrattivi mhux sostenibbli u jattiraw industriji estrattivi sostenibbli, kif ukoll jaderixxu ma' standards ambjentali u soċjali sodi; jistieden lill-Kummissjoni tappoġġja r-riforma u l-espansjoni tal-Inizjattiva dwar is-Sospensjoni tas-Servizz tad-Dejn biex tinkludi pajjiżi vulnerabbli b'introjtu medju, li ħafna minnhom jiddependu mill-estrazzjoni, u biex tħaddem Mekkaniżmu ta' Skambju tad-Dejn (DSM) fit-tul ħalli jiġu ffaċilitati l-iskambji tad-dejn favur il-klima u n-natura; jisħaq fuq il-ħtieġa li jintemmu r-rifuġji fiskali bħala mezzi għall-flussi finanzjarji illeċiti fis-settur tal-estrazzjoni;

19. Jistieden lill-UE tippromwovi sħubijiet inklużivi u trasparenti bejn diversi partijiet ikkonċernati fil-livell reġjonali u internazzjonali, billi tiffaċilita d-djalogu u l-kollaborazzjoni bejn il-gvernijiet, l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, is-settur privat u l-istituzzjonijiet internazzjonali sabiex tippromwovi l-iżvilupp sostenibbli fl-industriji estrattivi, filwaqt li trawwem proċessi inklużivi ta' teħid ta' deċiżjonijiet; jenfasizza li l-kuntest attwali tad-domanda globali dejjem tikber għal materja prima kritika u l-instabbiltà ġeopolitika li qed tiżdied ifissru li hemm bżonn li jiżdiedu l-isforzi biex tiġi żgurata provvista stabbli, adegwata u diversifikata ta' materja prima kritika; jisħaq,

madankollu, fuq il-ħtieġa li nitbiegħdu minn kultura ta' estrattiviżmu għal sistema ta' governanza tar-riżorsi li tqis, fost l-oħrajn, ir-rata ta' tnaqqis, id-disponibbiltà ta' sostituti, l-effiċjenza, ir-riċiklaġġ u s-sostenibbiltà tal-konsum; jilqa' s-sħubija bejn l-UE u t-Tim Qafas Interaġenzjali tan-NU għall-Azzjoni Preventiva, li għandha l-għan li tappoġġja lill-partijiet ikkonċernati nazzjonali u lokali biex itejbu l-ġestjoni tal-art u tar-riżorsi naturali għall-prevenzjoni tal-kunflitti u għal koordinazzjoni aħjar;

20. Jinnota bi tħassib kbir li jekk ma tiġix ġestita u mmitigata kif xieraq, iż-żieda fid-domanda għal materja prima kritika se twassal għal impatti ambjentali u soċjali negattivi, b'mod partikolari għas-setturi li juru dipendenza qawwija mis-servizzi tal-ekosistema (bħall-agrikoltura, it-turiżmu bbażat fuq in-natura u s-sajd); jisħaq fuq il-ħtieġa li tingħata prijorità lis-sostenibbiltà, lill-effiċjenza u liċ-ċirkolarità fil-livell multilaterali u li titnaqqas id-domanda għal materjali verġni, b'mod partikolari biex jiġu indirizzati l-isfidi tat-tibdil fil-klima, l-istress idriku u t-tniġġis u t-telfien tal-bijodiversità;

21. Jafferma mill-ġdid il-ħtieġa urġenti ta' trattat vinkolanti tan-NU dwar in-negozju u d-drittijiet tal-bniedem biex jirregola l-attivitajiet ta' korporazzjonijiet tranżnazzjonali u intrapriżi kummerċjali oħra, li jistabbilixxi obbligi ċari dwar id-drittijiet tal-bniedem, rekwiżiti ta' diliġenza dovuta u dispożizzjonijiet għall-aċċess għal rimedju, f'konformità mal-Qafas tan-NU "Ipproteġi, Irrispetta u Rrimedja"; jitlob, għalhekk, lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jaqdu rwol attiv fin-negozjati attwali dwar l-istrument li għandu jħeġġeġ lill-atturi korporattivi u lill-investituri fis-settur tal-estrazzjoni biex jassumu r-responsabbiltajiet tagħhom fir-rigward tad-drittijiet tal-bniedem u tax-xogħol, u r-rispett għall-ambjent;

22. Itenni l-appell tiegħu lill-UE biex tfittex aktar ftehimiet internazzjonali dwar l-għoti ta' finanzjament għall-klima, it-trasferiment tat-teknoloġija nadifa u t-tisħiħ tal-kapaċitajiet għall-pajjiżi li qed jiżviluppaw sabiex jitnaqqsu l-emissjonijiet tal-gassijiet serra li joriġinaw, b'mod partikolari, mis-settur tal-estrazzjoni;

23. Jistieden lill-pajjiżi li qed jiżviluppaw biex itejbu l-kooperazzjoni reġjonali tagħhom, billi jiżviluppaw jew jadottaw standards u normi komuni ambjentali, soċjali u tax-xogħol għas-settur tal-industrija estrattivi;

24. Jitlob lill-UE tappoġġja, b'mod partikolari, lill-Istati Membri tal-Unjoni Afrikana fl-implimentazzjoni ulterjuri tal-Viżjoni dwar l-Estrazzjoni Minerarja fl-Afrika, qafas ta' politika adottat fl-2009 biex jiġi żgurat li l-kontinent juża r-riżorsi minerali tiegħu b'mod strateġiku għal żvilupp soċjoekonomiku b'bażi wiesgħa, bil-għan li jiġi aġġornat il-qafas sabiex jitħaddnu l-SDGs u l-aġenda dwar it-tibdil fil-klima, bħala opportunità għal żvilupp sostenibbli fil-kontinent; jissottolinja li l-appoġġ tal-UE għandu jinkludi t-tisħiħ tal-kapaċitajiet, l-appoġġ finanzjarju, it-trasferimenti tat-teknoloġija nadifa u l-ġestjoni sostenibbli tal-katina tal-provvista;

25. Jistieden lill-UE tappoġġja inizjattivi reġjonali, internazzjonali u globali biex ittejjeb it-trasparenza u l-obbligu ta' rendikont fl-użu u l-ġestjoni tar-riżorsi estrattivi, inkluż l-EITI, li jippromwovi t-trasparenza u l-obbligu ta' rendikont f'pajjiżi għonja fiż-żejt, fil-gass u fir-riżorsi minerali, l-Appoġġ Programmatiku Globali għall-Estrattivi, fond fiduċjarju tal-Bank Dinji b'diversi donaturi għall-implimentazzjoni inklużiva u

sostenibbli tal-EITI f'pajjiżi li qed jiżviluppaw li jiddependu mir-riżorsi biex jappoġġja t-tnaqqis tal-faqar u jagħti spinta lit-tkabbir u l-iżvilupp inklużiv u sostenibbli, il-Proċess ta' Kimberley, li jipprevjeni l-fluss ta' djamanti tal-konflitt, u l-Prinċipji Volontarji dwar is-Sigurtà u d-Drittijiet tal-Bniedem;

26. Jistieden lill-UE tappoġġja lill-pajjiżi li qed jiżviluppaw fit-tisħiħ tal-kapaċitajiet tagħhom biex jinnegozjaw kuntratti ġusti u trasparenti ma' kumpaniji tal-industrija estrattiva; jilqa', f'dan ir-rigward, l-appoġġ finanzjarju tal-UE mogħti lill-Inizjattiva Connex tal-G7, li ssaħħaħ l-għarfien espert fin-negozjati tal-pajjiżi li qed jiżviluppaw dwar is-settur tal-estrazzjoni, sabiex il-kuntratti ta' investiment jitfasslu b'tali mod li jippromwovu s-sostenibbiltà u l-iżvilupp;

27. Jitlob lill-Kummissjoni żżid l-appoġġ tagħha għas-Sħubija Ewropea għal Minerali Responsabbli, sħubija b'diversi partijiet ikkonċernati maħluqa biex issaħħaħ l-impatt tar-Regolament tal-UE dwar il-Minerali ta' Kunflitt, billi tiffinanzja aktar proġetti ta' żvilupp immirati lejn it-titjib tal-prattiki tal-estrazzjoni minerarja lokali, b'mod partikolari fl-ASM, filwaqt li ġġib kundizzjonijiet soċjali, ambjentali u ekonomiċi aħjar għall-ħaddiema tal-minjieri u l-komunitajiet lokali tal-minjieri;

28. Jitlob lill-Kummissjoni tqis kooperazzjoni aktar mill-qrib mal-Bank Dinji minħabba l-għarfien tagħha tas-settur tal-estrazzjoni u l-appoġġ tagħha tal-pajjiżi li qed jiżviluppaw għall-proċessi ta' tranżizzjoni sostenibbli u ekoloġika;

29. Jistieden lill-UE tipprovdi lill-pajjiżi li qed jiżviluppaw appoġġ finanzjarju u assistenza teknika biex tgħinhom jimplimentaw il-Qafas Globali tal-Bijodiversità ta' Kunming-Montreal u t-Trattat tan-NU dwar l-Ibħra Miftuħa;

***It-tisħiħ tal-politika u l-qafas legali tal-UE***

30. Jilqa' l-fatt li l-UE ħadet passi biex tiżviluppa regolamenti vinkolanti fil-qasam tad-diliġenza dovuta korporattiva, bħar-Regolament dwar il-Minerali ta' Kunflitt, id-Direttiva dwar ir-Rappurtar Korporattiv dwar is-Sostenibbiltà, l-abbozz ta' direttiva dwar id-Diliġenza Dovuta tas-Sostenibbiltà Korporattiva u l-abbozzi ta' regolamenti dwar il-projbizzjoni ta' prodotti magħmula b'xogħol furzat u dwar il-Materja Prima Kritika, li għandhom, flimkien, direttament jew indirettament, ikollhom sehem fit-trasformazzjoni tas-settur tal-estrazzjoni fil-pajjiżi li qed jiżviluppaw;

31. Jitlob lill-Kummissjoni tuża l-proċess ta' rieżami tal-2023 tar-Regolament dwar il-Minerali ta' Kunflitt, li mill-2021 obbliga lill-kumpaniji tal-UE jiksbu l-importazzjonijiet tagħhom ta' landa, tantalu, tungstenu u deheb b'mod responsabbli u tiżgura li l-ktajjen tal-provvista tagħhom ma jikkontribwixxux għall-finanzjament ta' kunflitt armat, bħala opportunità biex jiġi vvalutat bir-reqqa l-impatt tar-regolament fuq il-post u l-possibbiltà li jiġu inklużi aktar miżuri obbligatorji u jiġu koperti minerali oħra; jissottolinja l-ħtieġa li l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili u l-komunitajiet affettwati jiġu inklużi b'mod sinifikattiv matul il-proċess ta' rieżami;

32. Jistieden lill-Kummissjoni teżamina l-inklużjoni tal-industrija estrattiva fir-Regolament

dwar it-Tassonomija tal-UE[24], flimkien mar-rappreżentanti tal-industrija estrattiva;

33. Jilqa' l-iffirmar li se jseħħ tal-Ftehim ta' Sħubija l-ġdid bejn l-UE u l-membri tal-OSAKP, peress li jipprovdi qafas imsaħħaħ u modernizzat għall-kooperazzjoni mal-pajjiżi AKP, li fih referenzi speċifiċi għall-industriji estrattivi, bħall-promozzjoni tat-trasparenza, l-obbligu ta' rendikont u l-ġestjoni responsabbli tal-industriji estrattivi u t-tisħiħ tar-responsabbiltà soċjali korporattiva u l-imġiba responsabbli fin-negozju sabiex jinkisbu tkabbir u żvilupp inklużivi u sostenibbli; ifakkar, f'dan il-kuntest, li s-sostenibbiltà tinvolvi konformità mal-proċessi ta' diliġenza dovuta, kif definit mil-leġiżlazzjoni tal-UE u l-Linji Gwida tal-OECD għall-Intrapriżi Multinazzjonali, kif ukoll mal-Linji Gwida Volontarji tal-FAO dwar il-Governanza Responsabbli tal-Pussess tal-Art, is-Sajd u l-Foresti, fejn huma kkonċernati d-drittijiet tal-pussess tal-art;

34. Jistieden lill-Kummissjoni tivvaluta aħjar l-impatt tal-għajnuna għall-iżvilupp tal-UE fuq l-iżvilupp sostenibbli fis-settur tal-industriji estrattivi sabiex jiġi żgurat użu effettiv u responsabbli tar-riżorsi finanzjarji tal-UE;

35. Jistieden lill-Kummissjoni tintegra kunsiderazzjonijiet dwar l-iżvilupp sostenibbli u l-kooperazzjoni għall-iżvilupp fil-ftehimiet kummerċjali u ta' investiment kollha tal-UE mal-pajjiżi li qed jiżviluppaw, billi tinkludi dispożizzjonijiet li jiżguraw ir-rispett għad-drittijiet tal-bniedem, il-protezzjoni ambjentali u d-distribuzzjoni ekwa tad-dħul mill-industriji estrattivi;

°

° °

36. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex tgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.

---

[24] Ir-Regolament (UE) 2020/852 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Ġunju 2020 dwar l-istabbiliment ta' qafas biex jiġi ffaċilitat l-investiment sostenibbli, u li jemenda r-Regolament (UE) 2019/2088 (ĠU L 198, 22.6.2020, p. 13).

## NOTA SPJEGATTIVA

L-industriji estrattivi - l-isfruttament ta' riżorsi mhux rinnovabbli - jirfdu s-soċjetajiet tagħna, li jinkludu kollox mill-estrazzjoni taż-żejt u tal-gass, sal-estrazzjoni għall-materja prima kritika. Fl-2023, għaddejja bis-sħiħ it-tellieqa globali għall-materja prima kritika. Fl-Unjoni Ewropea, dawn il-materjali se jkunu importanti għall-awtonomija strateġika tagħna u għall-aċċellerazzjoni tat-tranżizzjoni ekoloġika. Madankollu, l-industriji estrattivi huma verament xafra li taqta' miż-żewġ naħat – huma responsabbli għall-biċċa l-kbira tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra u ġew assoċjati max-xogħol furzat, it-tħaddim tat-tfal, il-qerda tal-ekosistemi u l-ksur tad-drittijiet indiġeni madwar id-dinja.

Il-maġġoranza tal-materja prima kritika tinsab fil-pajjiżi li qed jiżviluppaw – bħala tali, l-UE ma tistax tilħaq l-ambizzjonijiet strateġiċi u klimatiċi tagħha stess mingħajr id-dinja li qed tiżviluppa. Bħala l-Parlament Ewropew, għandna r-responsabbiltà li niżguraw li l-UE ma tipperikolax id-drittijiet tal-bniedem, il-bijodiversità jew l-iżvilupp sostenibbli ġenerali ta' dawn il-pajjiżi fit-tentattivi tagħha biex timxi 'l quddiem fit-tellieqa tal-materja prima kritika. Jekk dan jiġi ġestit ħażin, hemm riskju addizzjonali li tinħoloq it-tieni ġenerazzjoni ta' pajjiżi li jbatu mis-"saħta tar-riżorsi", li jwassal għal korruzzjoni u inugwaljanzi aktar profondi fil-pajjiżi sħab tagħna.

L-għan ta' dan ir-rapport huwa li jiżgura li l-UE u n-negozji Ewropej jirrispettaw bis-sħiħ il-prinċipji tal-Koerenza tal-Politiki għall-Iżvilupp, kif minquxa fl-Artikolu 208 tat-TFUE, u l-Koerenza tal-Politiki għall-Iżvilupp Sostenibbli meta jwettqu attivitajiet estrattivi fid-dinja li qed tiżviluppa, u li kwalunkwe proġett ta' estrazzjoni ġdid jitwettaq bil-kunsens tal-komunitajiet affettwati, f'konformità mal-Konvenzjoni 169 tal-ILO dwar il-Popli Indiġeni u Tribali. Huwa kruċjali li l-investimenti tal-UE jitwettqu bi trasparenza sħiħa, speċjalment fir-rigward tal-proġetti ta' Global Gateway, b'sorveljanza suffiċjenti mill-Parlament Ewropew. Barra minn hekk, in-negozji Ewropej jeħtiġilhom jiġu ggwidati u inċentivati biex jagħtu prijorità lid-drittijiet u l-iżvilupp sostenibbli tal-komunitajiet lokali. Fl-aħħar nett, l-UE jeħtiġilha tkun mexxejja u entità li tistabbilixxi l-istandards fil-livell internazzjonali, kemm biex tiżgura kundizzjonijiet ekwi kif ukoll biex iżżomm il-kredibbiltà tal-UE bħala attur xprunat mill-valuri.

19.7.2023

## OPINJONI TAL-KUMITAT GĦALL-KUMMERĊ INTERNAZZJONALI

għall-Kumitat għall-Iżvilupp

dwar ir-rwol tal-politika tal-iżvilupp tal-UE fit-trasformazzjoni tal-industriji estrattivi għall-iżvilupp sostenibbli fil-pajjiżi li qed jiżviluppaw
(2023/2031(INI))

Rapporteur għal opinjoni: Emmanuel Maurel

## SUĠĠERIMENTI

Il-Kumitat għall-Kummerċ Internazzjonali jistieden lill-Kumitat għall-Iżvilupp, bħala l-kumitat responsabbli, biex jinkorpora s-suġġerimenti li ġejjin fil-mozzjoni għal riżoluzzjoni tiegħu:

A. billi l-industriji estrattivi huma l-pedament tal-valur miżjud ekonomiku u huma intensivi kemm f'termini ta' kapital kif ukoll ta' ħaddiema; billi għal ħafna pajjiżi li qed jiżviluppaw l-estrazzjoni tar-riżorsi naturali tammonta għal proporzjon sinifikanti tal-PDG; billi l-industriji estrattivi jista' jkollhom il-potenzjal li jikkontribwixxu għall-prosperità ekonomika fil-pajjiżi li qed jiżviluppaw, iżda spiss ikunu marbuta mat-tniġġis ambjentali, il-qerda tan-natura u l-ksur tal-istandards tal-Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol (ILO); billi l-industriji estrattivi għandhom impatt sinifikanti fuq l-ambjent u l-popolazzjonijiet lokali u indiġeni; billi dan jissottolinja l-ħtieġa għal strateġiji koerenti, inkorporati f'approċċ b'saħħtu ta' diliġenza dovuta, biex jiġi sfruttat il-potenzjal ta' żvilupp tagħhom.

B. billi l-pajjiżi li qed jiżviluppaw fil-biċċa l-kbira jiffunzjonaw bħala esportaturi ta' materja prima mhux ipproċessata u l-ħolqien tal-valur huwa kkonċentrat f'pajjiżi ekonomikament żviluppati;

C. billi r-riżorsi tal-estrazzjoni minerarja, b'mod partikolari, il-materja prima kritika, huma inputs ewlenin f'teknoloġiji b'emissjonijiet żero netti, u se jkunu indispensabbli għad-dekarbonizzazzjoni u l-ilħuq tal-objettivi tal-Patt Ekoloġiku Ewropew u tal-Ftehim ta' Pariġi dwar il-Klima; billi, sabiex iżżomm il-kompetittività tagħha filwaqt li twettaq it-tranżizzjoni ekoloġika u ġusta, l-UE jeħtiġilha tiggarantixxi aċċess għal dawn il-materjali għall-impriżi tagħha filwaqt li tiżgura standards ambjentali, ta' governanza, soċjali u tad-drittijiet tal-bniedem stretti; billi hemm momentum għall-mobilizzazzjoni tal-investiment meħtieġ għal din it-tranżizzjoni ekoloġika f'pajjiżi li qed jiżviluppaw b'ħafna minerali, bħal infrastrutturi ġodda tat-trasport u diġitali, sabiex jiġu żviluppati u diversifikati l-ktajjen tal-valur reġjonali;

D. billi l-kisba tal-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli (SDGs) sal-2030 se tirrikjedi l-

involviment ta' diversi partijiet ikkonċernati bejn il-gvernijiet, is-sħab tal-iżvilupp, l-industrija, l-organizzazzjonijiet mhux governattivi u l-komunitajiet lokali;

E. billi l-pajjiżi li qed jiżviluppaw li jesportaw il-materja prima jiddependu ħafna fuq id-dħul mit-taxxa mill-esportazzjoni ta' dawn il-materjali;

F. billi l-volatilità tal-prezzijiet tal-komoditajiet matul il-pandemija tal-COVID-19 ikkawżat ħsara ekonomika severa lill-pajjiżi li qed jiżviluppaw li jiddependu fuq id-dħul mit-taxxa mill-industriji estrattivi;

G. billi permezz ta' ekonomija diversifikata il-pajjiżi li qed jiżviluppaw isiru aktar reżiljenti għal xokkijiet esterni;

H. billi t-tranżizzjoni ekoloġika għandha l-potenzjal li tiġġenera impjiegi ta' kwalità u ekoloġiċi li jistgħu jikkontribwixxu b'mod sinifikanti għall-qerda tal-faqar u l-inklużjoni soċjali kemm f'pajjiżi avvanzati kif ukoll f'dawk li qed jiżviluppaw;

I. billi d-diskrepanza fil-finanzjament annwali tal-SDG ta' qabel il-COVID-19 ta' USD 2.5 triljuni kienet tikkorrispondi għal madwar USD 500 biljun għall-pajjiżi b'introjtu baxx u USD 2 triljun għal pajjiżi oħra li qed jiżviluppaw;

J. billi d-diskrepanza fl-investiment fil-pajjiżi li qed jiżviluppaw tammonta għal USD 4.2 triljuni fis-sena sabiex l-SDGs ikunu jistgħu jintlaħqu;

1. Jappella għall-ħolqien ta' mudell ta' estrazzjoni sostenibbli u ċirkolari, li jeżerċita diliġenza dovuta fir-rigward tal-leġiżlazzjoni tal-UE, inkluża d-Direttiva 20XX/XX/UE dwar id-diliġenza dovuta tas-sostenibbiltà korporattiva u l-Gwida tal-Organizzazzjoni għall-Kooperazzjoni u l-Iżvilupp Ekonomiċi (OECD) dwar id-Diliġenza Dovuta għal Imġiba Responsabbli fin-Negozju; jitlob li l-prattiki kummerċjali ġusti u l-kundizzjonijiet tax-xogħol, inkluż għall-minaturi artiġjanali u fuq skala żgħira, jiġu żgurati f'konformità mal-ogħla standards internazzjonali tad-drittijiet tax-xogħol dwar kwistjonijiet bħas-saħħa, is-sikurezza u r-remunerazzjoni, inklużi dawk stabbiliti fir-Regolament 20XX/XX/UE dwar il-projbizzjoni ta' prodotti magħmula b'xogħol furzat; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jistabbilixxu sħubijiet ta' benefiċċju reċiproku dwar il-klima u l-materja prima kritika mal-pajjiżi li qed jiżviluppaw li jqiegħdu l-iżvilupp iċċentrat fuq in-nies u ċċentrat fuq l-ambjent fil-qalba tal-objettivi tagħhom u tal-oqfsa ta' politika operazzjonali kollha; jappella għal koordinazzjoni aħjar mal-aġenziji nazzjonali ta' kreditu għall-esportazzjoni sabiex l-attivitajiet tagħhom jiġu allinjati mal-prijoritajiet tal-Patt Ekoloġiku Ewropew;

2. Jistieden lill-Kummissjoni, lill-Istati Membri u lill-pajjiżi sħab jiżguraw li s-sħubijiet klimatiċi u l-ftehimiet ta' faċilitazzjoni tal-investiment sostenibbli jallinjaw mal-kontributi stabbiliti fil-livell nazzjonali tal-pajjiżi sħab;

3. Jistieden lill-Kummissjoni tiżgura li filwaqt li tiffaċilita l-investimenti, ma jkun hemm l-ebda ġirja lejn l-aktar livell baxx tas-sussidji fil-pajjiżi sħab, li twassal għal applikazzjoni inqas rigoruża tal-istandards tal-ILO u dawk ambjentali;

4. Iqis li dan il-mudell għandu jippermetti kondiviżjoni bbilanċjata u trasparenti tal-valur miżjud tas-settur fost il-partijiet ikkonċernati, kif minqux fl-Inizjattiva għat-Trasparenza

tal-IndustrijI Estrattivi globali, filwaqt li jiżgura l-prevedibbiltà u l-kontinwità tal-aċċess għall-kumpaniji estrattivi Ewropej għar-riżervi minerali f'pajjiżi sħab; jisħaq fuq il-ħtieġa ta' involviment sinifikanti mal-partijiet ikkonċernati inklużi skambji ta' informazzjoni li jinvolvu s-settur privat, is-soċjetà ċivili u t-trade unions, speċjalment fis-settur tal-materja prima kritika;

5. Itenni li l-ktajjen tal-valur reġjonali u t-tisħiħ tal-kummerċ intrareġjonali għandhom effett pożittiv fuq il-pajjiżi tal-madwar u jsaħħu r-reżiljenza tagħhom, speċjalment matul xokkijiet esterni;

6. Iqis li dan il-mudell irid jirrispetta l-ħtiġijiet tal-popolazzjonijiet lokali u tal-popli indiġeni, jiżgura l-konformità mal-konvenzjonijiet kollha tal-ILO, inkluża l-Konvenzjoni 169, jimminimizza l-impatt dirett u indirett tiegħu fuq l-ambjent fir-rigward tal-isfruttament u jipprovdi lill-pajjiżi sħab b'informazzjoni wiesgħa, inkluż dwar is-suġġetti tat-trasferiment teknoloġiku, u dettall estensiv dwar ir-rekwiżiti li jinvolvu l-proġetti tal-Patt Ekoloġiku u l-leġiżlazzjoni futura tal-UE; iħeġġeġ lill-Kummissjoni testendi l-isforzi tagħha biex tappoġġja l-bini tal-kapaċità fil-kapaċitajiet legali, governattivi u fiskali tal-pajjiżi sħab; itenni li huma meħtieġa arranġamenti tranżitorji flessibbli biex il-pajjiżi li qed jiżviluppaw jikkonformaw mal-obbligi internazzjonali; jenfasizza li l-prinċipju tad-Dikjarazzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-Drittijiet tal-Popli Indiġeni dwar il-kunsens liberu, minn qabel u infurmat jeħtieġ li jiġi rispettat fil-każijiet kollha; iqis li l-ftehimiet ta' żvilupp komunitarji jistgħu jgħinu biex jintlaħaq dan l-objettiv; jirrimarka li l-faċilitazzjoni tal-investiment sostenibbli u l-istrateġija ġenerali tal-UE għall-kummerċ u l-investiment għandhom jinkoraġġixxu opportunitajiet ta' investiment fil-pajjiżi li qed jiżviluppaw, sabiex jintlaħqu l-SDGs billi jgħinu fil-mobilizzazzjoni ta' livelli ogħla ta' investiment f'infrastrutturi riġidi u mhux vinkolanti bl-inqas impatt ambjentali possibbli u jippromwovu l-iżvilupp inklużiv u sostenibbli, it-tnaqqis tal-faqar u l-ħolqien tal-impjiegi lokali, b'mod partikolari għall-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju u l-katina tal-provvista assoċjata mal-industriji estrattivi; jenfasizza li tranżizzjoni tirrikjedi wkoll investimenti pubbliċi f'infrastrutturi riġidi u mhux vinkolanti;

7. Iqis li dan il-mudell irid jikkunsidra l-ħtiġijiet tal-popolazzjonijiet lokali, jiżgura l-konformità mal-konvenzjonijiet kollha tal-ILO u jnaqqas l-impatt dirett u indirett tiegħu fuq l-ambjent taż-żona ta' sfruttament, bl-użu tal-aktar metodi innovattivi disponibbli;

8. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jiżguraw li meta jagħżlu u jappoġġjaw il-proġetti tal-Global Gateway, id-djalogu soċjali jkun parti integrali mill-qafas istituzzjonali għat-tfassil tal-politika u l-implimentazzjoni fil-livelli kollha;

9. Jitlob li dan il-mudell jiġi applikat fil-katina tal-valur għal kwalunkwe kumpanija fornitriċi fl-Unjoni Ewropea, inklużi dawk li joriġinaw minn pajjiżi terzi;

10. Iqis li l-prinċipju ta' taxxa korporattiva minima fuq kumpaniji stabbiliti fil-pajjiżi tal-G20 u tal-OECD għandu japplika wkoll għall-kumpaniji f'dan is-settur meta dawk il-kumpaniji joperaw f'kull pajjiż li huwa firmatarju għall-ftehim G20-OECD; jappella għal mekkaniżmi ta' regolamentazzjoni biex jitnaqqsu l-ispekulazzjoni u l-fluttwazzjonijiet fil-prezzijiet fil-prodotti tal-industrija estrattiva, sabiex jiġu żgurati l-prevedibbiltà u s-sostenibbiltà tul il-katina tal-produzzjoni u tal-provvista;

11. Iqis li mudell ta' estrazzjoni sostenibbli u ċirkolari għandu jirrispetta l-ispazju ta' politika għall-pajjiżi li qed jiżviluppaw biex jieħdu miżuri li jistgħu jżidu l-mobilizzazzjoni tar-riżorsi domestiċi, bħal dazji fuq l-esportazzjoni u restrizzjonijiet leġittimi fuq l-esportazzjoni, meta ma jiġux applikati b'mod diskriminatorju u meta jkun permess mir-regoli tal-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ;

12. Jistieden lill-UE tħeġġeġ lis-sħab kummerċjali jippromwovu wkoll il-ġestjoni sostenibbli tar-riżorsi fir-relazzjonijiet kummerċjali u ta' investiment tagħhom, permezz tal-kooperazzjoni fil-fora internazzjonali u l-kondiviżjoni tal-aħjar prattiki.

# INFORMAZZJONI DWAR L-ADOZZJONI FIL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI

| | |
|---|---|
| **Data tal-adozzjoni** | 19.7.2023 |
| **Riżultat tal-votazzjoni finali** | +: 33<br>–: 2<br>0: 2 |
| **Membri preżenti għall-votazzjoni finali** | Barry Andrews, Anna-Michelle Asimakopoulou, Tiziana Beghin, Saskia Bricmont, Jordi Cañas, Daniel Caspary, Arnaud Danjean, Roman Haider, Christophe Hansen, Heidi Hautala, Danuta Maria Hübner, Danilo Oscar Lancini, Bernd Lange, Thierry Mariani, Margarida Marques, Gabriel Mato, Emmanuel Maurel, Carles Puigdemont i Casamajó, Samira Rafaela, Catharina Rinzema, Inma Rodríguez-Piñero, Katarína Roth Neveďalová, Helmut Scholz, Joachim Schuster, Sven Simon, Kathleen Van Brempt, Marie-Pierre Vedrenne, Jörgen Warborn, Iuliu Winkler |
| **Sostituti preżenti għall-votazzjoni finali** | Marek Belka, José Manuel García-Margallo y Marfil, Enikő Győri, Javier Moreno Sánchez |
| **Sostituti (skont l-Artikolu 209(7)) preżenti għall-votazzjoni finali** | Clara Aguilera, Francisco Guerreiro, Mikuláš Peksa, Lucia Vuolo |

## VOTAZZJONI FINALI B’SEJĦA TAL-ISMIJIET FIL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI

| 33 | + |
|---|---|
| NI | Tiziana Beghin, Carles Puigdemont i Casamajó |
| PPE | Anna-Michelle Asimakopoulou, Daniel Caspary, Arnaud Danjean, José Manuel García-Margallo y Marfil, Christophe Hansen, Danuta Maria Hübner, Gabriel Mato, Sven Simon, Lucia Vuolo, Jörgen Warborn, Iuliu Winkler |
| Renew | Barry Andrews, Jordi Cañas, Samira Rafaela, Catharina Rinzema, Marie-Pierre Vedrenne |
| S&D | Clara Aguilera, Marek Belka, Bernd Lange, Margarida Marques, Javier Moreno Sánchez, Inma Rodríguez-Piñero, Katarína Roth Neveďalová, Joachim Schuster, Kathleen Van Brempt |
| The Left | Emmanuel Maurel, Helmut Scholz |
| Verts/ALE | Saskia Bricmont, Francisco Guerreiro, Heidi Hautala, Mikuláš Peksa |

| 2 | - |
|---|---|
| ID | Danilo Oscar Lancini, Thierry Mariani |

| 2 | 0 |
|---|---|
| ID | Roman Haider |
| NI | Enikő Győri |

Tifsira tas-simboli użati:
+ : favur
- : kontra
0 : astensjoni

# INFORMAZZJONI DWAR L-ADOZZJONI FIL-KUMITAT RESPONSABBL

| | |
|---|---|
| **Data tal-adozzjoni** | 24.10.2023 |
| **Riżultat tal-votazzjoni finali** | +: 13<br>–: 2<br>0: 7 |
| **Membri preżenti għall-votazzjoni finali** | Barry Andrews, Dominique Bilde, Catherine Chabaud, Christophe Clergeau, Antoni Comín i Oliveres, Mónica Silvana González, Pierrette Herzberger-Fofana, György Hölvényi, Rasa Juknevičienė, Beata Kempa, Karsten Lucke, Eleni Stavrou, Tomas Tobé, Miguel Urbán Crespo |
| **Sostituti preżenti għall-votazzjoni finali** | Ilan De Basso, Marlene Mortler, Carlos Zorrinho |
| **Sostituti skont l-Artikolu 209(7) preżenti għall-votazzjoni finali** | Michael Bloss, Karolin Braunsberger-Reinhold, Billy Kelleher, Norbert Lins, Lydie Massard |

## VOTAZZJONI FINALI B’SEJĦA TAL-ISMIJIET FIL-KUMITAT RESPONSABBLI

| 13 | + |
|---|---|
| NI | Antoni Comín i Oliveres |
| Renew | Barry Andrews, Catherine Chabaud, Billy Kelleher |
| S&D | Christophe Clergeau, Ilan De Basso, Mónica Silvana González, Karsten Lucke, Carlos Zorrinho |
| The Left | Miguel Urbán Crespo |
| Verts/ALE | Michael Bloss, Pierrette Herzberger-Fofana, Lydie Massard |

| 2 | - |
|---|---|
| ID | Dominique Bilde |
| PPE | Tomas Tobé |

| 7 | 0 |
|---|---|
| ECR | Beata Kempa |
| PPE | Karolin Braunsberger-Reinhold, György Hölvényi, Rasa Juknevičienė, Norbert Lins, Marlene Mortler, Eleni Stavrou |

Tifsira tas-simboli:
+ : favur
- : kontra
0 : astensjoni